Kunsill Lokali Ħal Balzan
153, Triq il-Kbira
Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 27

Data tal-laqgħa: 17 ta' Novembru, 2016

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 153, Triq il-Kbira, Ħal Balzan, fl-4.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Ian Spiteri – Sindku
Andre' Grech – Viċi Sindku
Desmond Zammit Marmara' – Kunsillier
Daniel Muscat – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

### ASSENTI:

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dr Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li tinbidel l-ordni tax-xogħol biex tiġi diskussa *item* 27.4 ta' l-Agenda qabel xogħol ieħor peress li kien hemm preżenti l-*Accountant* tal-Kunsill biex jagħti l-kummenti tiegħu. Il-Kunsill qabel unanimament u għadda biex jiddiskuti *item* 27.4

## 27.4 Financial Statements minn 01/01/2016 sa 13/09/2016

27.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-Financial Statements minn 01/01/2016 sa 30/09/2016. Kopja (annessa) ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-accountant tal-Kunsill, is-Sur Mark Debono ta l-kummenti tiegħu u spjega lill-Kunsill li dawn kellhom isiru sabiex isir il-*Mid-term Audit* peress li kien hemm bidla fis-Segretarju Eżekuttiv.

27.4.2 Il-Financial Statements kienu approvati unanimament mill-Kunsill.

## 27.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

27.1.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas-Sitta u Għoxrin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

27.1.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

27.1.3 <u>Punti mqajjma mill-minuti:</u>

27.1.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li t-Tender għas-servizz ta' *Street Sweeping* ħarġitu u s-sottomissjonijiet se jagħlqu fil-15 ta' Diċembru 2016. Ġie deċiż li l-iskrivana Mariella Casha u l-Viċi Sindku Andre' Grech se joqgħodu *Opening Staff*, is-Sindku Ian Spiteri u l-Kunsilliera Joe Galea u Desmond Zammit Marmara' se joqgħodu *Evaluating Staff* u l-Kunsillier Daniel Muscat se joqgħod iċ-*Chairperson* tal-kumitat ta' l-evalwazzjoni sabiex issir l-aġġudikazzjoni.

27.1.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li s-sottomissjonijiet għall-impjieg ta' skrivan part-time mall-Kunsill għalqu u kien hemm seba' (7) applikanti. Il-Kunsill unanimament iddeċieda li l-interviews isiru nhar Il-Ġimgħa 2 ta' Diċembru 2016 mil-5.oopm l'quddiem. Il-Kunsilliera kollha se jkunu preżenti waqt l-interviews.

## 27.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

27.2.1 Is-Sindku Dr Ian Spiteri infurma lill-Kunsill li l-ġimgħa d-dieħla se jibgħat għal dawk il-kuntratturi li wrew l-interess jagħmlu x-xogħol tal-madum fil-bini l-ġdid tal-Kunsill sabiex jagħtu l-istima tagħhom.

**F'dan il-ħin (5.00pm) daħal il-Viċi Sindku Andre' Grech għall-Laqgħa.**

27.2.2 Is-Sindku Dr Ian Spiteri infurma lill-Kunsill li qed isib problema għal meta jkun hemm spejjeż żgħar bħal xiri ta' sollijiet, peress li x-xogħol ikollu jieqaf sakemm noħorġu sejħa għal kwotazzjonijiet.

27.2.3 Il-Kunsill unanimament approva li għal spejjeż għall-uffiċċju l-ġdid li ma jaqbżux €500, is-Sindku jista' jġib kwotazzjoni waħda (1) u u m'hemmx għal jistenna l-Laqgħa tal-Kunsill li jkun imiss biex jitlob l-approvazzjoni, b'hekk ma jkunx hemm dewmien fix-xogħlijiet.

27.2.4 Is-Sindku Dr Ian Spiteri semma applikazzjoni PA/06248/16 sabiex jitwaqqa' razzett antik u jinbnew 2 *terraced houses* f'13 Triq it-Tabib J Zammit. Il-Kunsill unanimament approva li ssir oġġezzjoni għal dan l-ivilupp mal-Planning Authority għar-raġunijiet imsemmija fl-*email* (annessa) li ġġib id-data ta' l-10 ta' Novembru 2016 mibgħuta mill-Kunsillier Daniel Muscat.

27.2.5 Is-Sindku Dr Ian Spiteri infurma lill-Kunsill li waqt il-Laqgħa tas-Sindki li saret is-Sibt 5 ta' Novembru 2016 ġew infurmati li *patching* bil-konkos f'toroq residenzjali ma jistax isir. Ġie deċi li tinħareġ sejħa għall-offerti għal brix u *patching.* It-talba fis-sejħa se tkun għal prezz kull metru kubu, imbagħad wara jiġi deċi fejn se jsir skond kemm ikun hemm fondi disponibbli.

27.2.6 Is-Sindku Dr Ian Spiteri infurma lill-Kunsill li l-fondi tal-UIF biex jintefqu fuq proġetti kapitali telgħu għal €22,406.60. Is-Sindku qal li kif jitlesta x-xogħol fl-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill, nibdew naħdmu fuq il-proġett ta' tisbiħ ta' fejn kien hemm il-*Bring-In-Site* fil-Wied ta' Ħal Balzan. Dawn il-fondi tl-UIF jintuaw flimkienm ma' l-€1,000 premju li l-Kunsill kien rebaħ fil-*Local Councils' Awards* organizzata mill-GreenPak. Aktar il'quddiem se jiġu identifikati postijiet oħra fejn jista' jsir tisbiħ permess ta' siġar.

27.2.7 Is-Sindku Dr Ian Spiteri infurma lill-Kunsill li għaddej f'taħdidiet mad-Direttur għal Gvern Lokali, is-Sur Adrian Mifsud dwar il-possibilta' li l-għalqa ta' Wesgħa Profs Guze Aquilina issir *parking area*.

## 27.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

27.3.1 Il-Kunsillier Daniel Muscat infurma lill-Kunsill li s'issa nġabru €925 minn għand diversi ħwienet mill-Wied ta' Ħal Balzan u mill-parti t'isfel ta' Triq il-Kbira għall-armar ta' dawl tal-Milied. Minn dawn id-dwal se jitwaħħal wieħed (1) fi Triq it-Tliet Knejjes kantuniera mal-Wied ta' Ħal Balzan, erbatax (14) fil-Wied ta' Ħal Balzan u f'parti minn Triq il-Kbira u jekk jibqa' fondi se jitpoġġew fustuni mas-siġar ta' l-istess toroq.

27.3.2 Ġie deċiż li l-Ġimgħa 2 ta' Diċembru 2016 fis-7.00pm jiġu mistiedna s-sidien tal-ħwienet li għenu f'din l-inizjattiva sabiex jinxtgħel id-dawl dekorattiv uffiċjalment.

27.3.3 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' semma l-problema ta' *double parking* fejn l-iskola ta' San Alwiġi fi Triq San Franġisk u Triq il-Kbira. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li spiss jiġi nfurmati l-LESA biex isir infurzar.

27.3.4 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' infurma lill-Kunsill li kellmitu il-Kunsilliera Lorraine Farrugia mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija biex tistaqsi dwar jekk il-librerija hix se tkun Lija/Balzan.

27.3.5 Is-Sindku Dr Ian Spiteri infurma lill-Kunsill li l-librerija se tkun għar-residenti ta' Ħal Balzan biss.

27.3.6 Is-Sindku Dr Ian Spiteri qal lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tapplika ma' l-Enemalta sabiex iwaħħlu lampa ġdida fuq arblu fil-Wied ta' Ħal Balzan fejn kien hemm il-Bring-in-Site.

27.3.7 Il-Viċi Sindku Andre' Grech infurma lill-Kunsill li l-*Consultation Session* mar-residenti dwar *Traffic Management* se ssir fis-Sala Aurora. Il-Kunsill iddeċieda li minnflok fl-14 ta' Diċembru 2016 issir wara l-festi. Il-Kunsill qed jippjana li ssir fit-18 ta' Jannar 2017.

27.3.8 Il-Viċi Sindku Andre' Grech qal li avviċinah il-propjetarju ta' uffiċċju ta' l-*Accountancy* li qiegħed fi Triq l-Imdina kantuniera ma' Vjal Sir Michaelangelo Refalo fejn qallu li għandu l-permessi ta' l-uffiċini maħruġa mill-pulizija.

27.3.9 Is-Segretarju Eżekuttiv li dawk l-uffiċini qiegħdin joperaw mingħajr permess, fil-fatt hemm *Enforcement Notice* maħruġa mill-MEPA.

27.3.10 Il-propjetarju qed jitlob l-għajnuna tal-Kunsill biex niddefenduh. Is-Sindku qal li ekk dan iġib il-permessi kollha tal-MEPA skond il-liġi, il-Kunsill lest li jissapportjah.

## 27.5 Ċirkulari 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

27.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li skond iċ-Ċirkulari 16/2016 mibgħuta mid-Dipartiment

għall-Gvern Lokali, kull Kunsill għandu jaħtar Deputat Segretarju Eżekuttiv hekk kif mitlub mil-Liġi tal-Kunsilli Lokali.

27.5.2 Il-Viċi Sindku Andre' Grech ippropona li l-Kunsill jaħtar lis-Sur Mark Mallia, li kien is-Segretarju Eżekuttiv preċedenti ta' dan l-istess Kunsill, b'hekk għandu esperjenza biżżejjed fuq ix-xogħol.

27.5.3 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' qal li fuq direttiva maħruġa mis-Sezzjoni Kunsilliera Partit Laburista, għandu struzzjonijiet sabiex ma jressaq l-ebda nomina għal diversi raġunijiet imsemmija fl-*email* (annessa) li ġġib id-data tal-21 ta' Ottubru 2016, li kien bagħat lill-Kunsill.

27.5.4 Ittieħed vot għan-nomina tas-Sur Mark Mallia sabiex jiġi maħtur Deputat Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill lokali ta' Ħal Balzan. L-eżitu tal-vot kien:

Favur: Tlieta (3) – Is-Sindku Dr Ian Spiteri, il-Viċi Sindku Andre' Grech u l-Kunsillier Daniel Muscat.

Kontra: Xejn (0)

Astensjonijiet: Tnejn (2) – Il-Kunsilliera Desmond Zammit Marmara' u Joe Galea għar-raġunijiet imsemmija fl-*email* (annessa).

27.5.5 Is-Sur Mark Mallia ġie maħtur bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan.

## 27.6 Ċirkulari 38/2016 – Fondi Pubbliċi minfuqa għal finanzjament ta' Għaqdiet

27.6.1 Ġiet innutata Ċirkulari 38/2016 dwar Fondi Pubbliċi minfuqa għal finanzjament ta' Għaqdiet mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

27.6.2 Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob kjarifika fuq din iċ-Ċirkulari peress li mhix ċara dwar jekk il-Kunsill jistax jidħol b'kollaborazzjoni f'attivitajiet organizzati minn għaqdiet fil-lokalita' bħal Każini tal-Banda u tal-futbol.

## 27.7 Premjazzjoni lir-rebbieħa tal-kompetizzjoni tal-klieb

27.7.1 Is-Sindku Dr Ian Spiteri ppreżenta lis-Sur Wismayer mill-kumpanija Pet Nutrition lill-Kunsill bħala l-isponsor tal-kompetizzjoni tal-klieb.

**F'dan il-ħin ġiet sospiża l-laqgħa tal-Kunsill biex jingħataw il-premjijiet lit-tlett (3) rebbieħa tal-kompetizzjoni.**

**Il-Laqgħa tkompliet fis-6.45pm. F'dan il-ħin il-Viċi Sindku Andre' Grech talab li jiġi skużat mil-laqgħa.**

## 27.8 Ħatra ta' Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

27.8.1 Il-Kunsillier Daniel Muscat ippropona lil Mark Anthony Calleja sabiex jiġi maħtur bħala Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ. Il-Kunsill approva unanimament.

## 27.9 Kwotazzjoni BLCQ 6/15 – Servizz ta' kisi u tikħil

27.9.1 Il-Kunsill irċieva żewġ (2) kwotazzjonijiet.

27.9.2 Il-Kunsill unanimament approva l-kwotazzjoni ta' Raymond Cuschieri. Għal kemm l-ammont kien għola,

il-kwotazzjoni kienet aktar iddettaljata fir-rigward tal-materjali li se jiġu wżati. Il-Kunstrattur l-ieħor ta ammont sħiħ mingħajr ma niżżel l-ebda dettalji.

## 27.10 Tender għas-Servizz ta' Handyman

27.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li wasal iż-żmien biex joħroġ it-Tender għas-servizz ta' *Handyman*. Il-Kunsill unanimament approva sabiex jibda l-proċess.

## 27.11 Performance Bonus tal-Ħaddiem taħt l-iskema CWSEF

27.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li skond il-kuntratt li ġie ffirmat bej il-kumpanija District Operation Ltd u l-Kunsill, wasal iż-żmien li nippreparaw il-*Performance Report* tal-ħaddiem taħt l-iskema CWSEF.

27.11.2 Il-Kunsill jinsab kuntent bix-xogħol li jagħmel dan il-ħaddiem. Il-Kunsill unanimanent approva li l-*Performance Report* jintela b'mod posittiv.

## 27.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

27.12.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tas-17 ta' Novembru 2016 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 19,885.82. L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Daniel Muscat li kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 27.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

27.13.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6.40pm.

27.13.2 Il-Laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 14 ta' Diċembru 2016 fl-4.30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa, 14 ta' Diċembru 2016.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |

## Balzan Local Council at DLG

**From:** Daniel Muscat [muscdan@gmail.com]
**Sent:** 10 November 2016 09:24
**To:** Ian Spiteri
**Cc:** Balzan Local Council at DLG; Pat Gera FCA
**Subject:** Re: Fw: Thank you and attachments

Dear Mayor,

I have looked into the DC2015 in order to check whether there is a case to object. The following are the points mentioned in the DC with regards to property in the UCA:

PROPOSALS FOR THE REHABILITATION OR DEMOLITION OF SCHEDULED PROPERTIES AND PROPERTIES WITHIN URBAN CONSERVATION AREAS

Applications involving demolition of scheduled properties and properties within Urban Conservation Areas, will not normally be considered. In considering applications for demolition, regard will be given to:

a) the Grading merits provided by policy;
b) the state of repair of the existing building, including dampness, deterioration of stone and structural safety;
c) the internal condition of buildings, in particular sanitation issues, room size, levels of natural lighting, and other internal structural condition;
d) the existing use of the building or its most recent use, if vacant;
e) the broader context of the building, including any important features related to streetscape, adjacent building heights and adjacent uses;
f) any external architectural elements, including garden walls, and architectural features on the façade discussed in Part 5 of this document;
g) any unique internal architectural spaces and features such as mill rooms, alkovi, raffijiet, and stone spiral staircases; external architectural spaces such as internal courtyards and gardens; as well as construction and roofing techniques including, but not limited to, barrel vaults, arches, kileb, xorok tal-qasba and others; and
h) any other significant elements.

With regards to boundary walls of gardens, the document says the following:

SIDE AND REAR GARDEN/YARD BOUNDARY WALLS The
Authority will allow the construction of new, or the extension of existing, side and rear garden/yard walls up to 3.4 metres above ground floor level, except for developments lying on exposed edges or ridges or developments facing ODZ. Applications for walls in excess of this height will only be allowed if:

a) the materials to be used are compatible with those used in the dwelling and with the character of the area;
b) the wall would not adversely affect the residential amenity of adjoining properties in terms of the restriction of natural light and ventilation as well as the possibility of over-shadowing that could be caused; and
c) the wall would improve the privacy of any of the adjoining parties

Finally,

It is also mentioned a number of times within the document, that the creation of blank walls shall be avoided.

Dear Mrs. Gera, I can come and further discuss with you these issue if you would like.

## Balzan Local Council at DLG

**From:** DESMOND ZAMMIT MARMARA` [desmondzammitmarmara5@gmail.com]
**Sent:** 21 October 2016 06:35
**To:** Ian Spiteri; Ian Spiteri; Andre' Grech; Daniel Muscat; Joe Galea; Balzan Local Council at DLG
**Subject:** Update Deputat Segretarju Eżekuttiv u Triq il-Wied

Sindku/Viċi-Sindku/Kunsilliera/Segretarju Eżekuttiv,

Ikkonsultajt ruħi, kif ftehmna, dwar il-pożizzjoni tagħna bħala Sezzjoni Kunsilliera tal-Partit Laburista. Ġejt infurmat hekk:

*Bhala Sezzjoni Kunsilliera ghandna problema bil-mod ta' kif qed jintalbu li jigu mahtura d-Deputati Segretarji Ezekuttivi.*

*Nemmnu u ntennu li hemm bzonn emenda fil-ligi biex l-affarijiet ma jibqghux kif inhuma.*

*L-oggezzjoni taghna hija segwenti:*

*1 - Deputat Segretarju, fejn hu possibbli, ghandu jkun mahtur minn xi hadd mill-impjegati tal-Kunsill fi skala 11 jew iktar*

*Ir-ragunijiet ghal dan huma;*

*1 - Dan jassigura kontinwita' u transazzjoni bla ebda skossi.*
*2 - Is-Segretarju li jkun se jkun assenti ghal xi zmien ghandu jkollu fiducja shiha f' min se jkun qed jaghmillu xoghlu.*
*3 - Bl-istess mod is-Sindku u l-Kunsilliera.*
*4 - Bil-mod kif hija l-ligi jfisser li se jkollok Deputat li jkun f'Kunsill iehor jew fil-pool u li ma jkollu l-ebda idea x'qed jigri fil-kunsill fejn ikun sejjer. Nigu bl-istess problema ta' Agent.*
*5 - Mela, jekk se jigi minn Kunsill iehor ghax mill-pool il-Kunsill ma jkun sab lil hadd, se nergghu nigu b'segretarju wiehed ghal 2 kunsilli.*
*6 - Taghti opportunità gdida lill-iskrivani tal-kunsill li jkollhom ghal xiex jaspiraw.*

*Ghaldaqstant, nemmnu li ghandu jkun hemm it-tibdil fl-ispirtu tal-ligi qabel jigu nominati dawn id-Deputati Segretarji Ezekuttivi.*

*B'rizultat ta' dan, din hi l-pozizzjoni li hadna, illi m'ghandna nressqu l-ebda nomina f' dan ir-rigward.*

Issa nħalli f'idejkom biex tipproċedu fid-dawl ta' dan li għidtilkom.

Sadanittant, rigward Triq il-Wied ma għandi xejn ġdid xi ngħid.

Grazzi.

D.